

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fis-16 ta' April 2010 — Génesis Seguros Generales Sociedad Anónima de Seguros u Reaseguros (GENESIS) vs Boys Toys S.A., Administración del Estado

(Kawża C-190/10)

(2010/C 195/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Qorti tar-rinvju

Tribunal Supremo

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Génesis Seguros Generales Sociedad Anónima de Seguros u Reaseguros (GENESIS)

Partijiet oħra: Boys Toys S.A. u Administración del Estado

## Domanda preliminari

(1) L-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 (1), tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja, jista' jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, mhux biss id-data, iżda wkoll is-siegħa u l-minuta ta' meta għiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark quddiem l-UASI (dejjem sakemm din id-data tkun għiet irregġistrata), sabiex tiġi ddeterminata l-priorità ratione temporis fir-rigward ta' trade mark nazzjonali ippreżentata fl-istess data, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola r-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark nazzjonali tikkunsidra li s-siegħa ta' meta għiet ippreżentata l-applikazzjoni hija rilevanti?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 17, Vol 1, p. 146

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-192/10)

(2010/C 195/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u A. Marghéis, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja

## Talbiet tar-rikorrenti

- tikkonsta li billi ma adottax il-miżuri nazzjonali neċċarji biex jiżgura l-osservanza tal-obbligi dwar l-għeluq, l-amministrazzjoni u l-kontroll wara l-għeluq tal-landfill ta' Cova da Loba, li tinsab f'O Grove (Pontevedra, Galicia), ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma [landfill] (1);
- tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

- (1) L-għan prinċipali tad-Direttiva 1999/31/KE huwa li jiġu pprevenuti jew imnaqqsa, sa fejn possibbli, l-effetti negattivi fuq l-ambjent li jiġib miegħu r-rimi ta' skart f'landfill u, b'mod partikolari, it-tnejgis tal-ilma tal-wiċċ, tal-ilma ta' taħbi l-art, tal-art u tal-arja, inkluż l-effett serra, kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw għas-saħħa tal-bniedem, matul il-perijodu kollu ta' ħajja tal-landfill.
- (2) Kif jirriżulta mill-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli, il-landfill ta' Cova da Loba għet awtorizzata fl-2000. Għalhekk din hija landfill eżistenti fis-sens tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/31/KE.
- (3) Il-landfill ta' Cova da Loba għet abbandunata, mingħajr ma nħalqet u mingħajr ma ġew żgurati l-amministrazzjoni u l-kontroll tagħha wara l-għeluq, kif previst mill-Artikolu 13 tad-direttiva.
- (4) Konsegwentement, mill-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Spanjoli jirriżulta li l-proċedura ta' ġħeluq tal-landfill ta' Cova da Loba ma tleştietx. Konsegwentement, abbażi tal-kunsiderazzjoni jippreċċi jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' din il-landfill tikser l-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 1999/31/KE.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 15, Vol 4, p. 228

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgerichts München I (il-Ġermanja) fil-21 ta' April 2010 — Robert Nicolaus Abt, Daniela Kalwarowskyj, Mangusta Beteiligungs GmbH, Karsten Trippel, VC-Services GmbH, Henning Hahmann vs Hypo Real Estate Holding AG

(Kawża C-194/10)

(2010/C 195/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinvju

Landgerichts München I